19 ta' Jannar, 1956

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Maria Stella Hili et. *versus* Carmelo Cilia

## Aċċettazzjoni ta' Eredità — Azzjoni Dikjaratorja — Art. 909 u 891 tal-Kodiċi Ċivili

*Min jeżerċita l-azzjoni biex min hu msejjaħ għal wirt jiddikjara fi żmien li timponilu l-Qorti jekk jaċċettax jew le l-eredità, u in difett jiġi meqjus li huwa rrinunzja għall-wirt, hemm bżonn li qabel xejn huwa jkun aċċetta l-eredità. Imma, jekk huwa jiddikjara li jaċċetta l-wirt fil-kors tal-kawża, dina d-dikjarazzjoni hija suffiċjenti.*

*Il-konvenut f'kawża simili ma jistax jallega li fil-konfront tiegħu dina l-azzjoni ma kienx hemm lokha fuq il-motiv li huwa ġa aċċetta l-eredità,*

*jekk din l-aċċettazzjoni huwa jrid li tirriżulta mil-fatt li huwa, wara l-mewt tad-decujus, daħħal xi kera ta' fond li jappartjeni lill-eredità. Hemm bżonn li ssir il-prova univoka li hu kellu l-volontà u l-intenzjoni li bl-att tal-inkass ta' dak il-kera jaċċetta l-eredità, b'mod li ma tkunx possibbli kwalunkwe interpretazzjoni oħra ta' dak l-att. Għax il-perċezzjoni tal-kera tikkostitwixxi att merament konservattiv u ta' aministrazzjoni provviżorja li ma jikkostitwix aċċettazzjoni tal-eredità, speċjalment meta tonqos il-prova li dik il-perċezzjoni tal-kera saret minnu bħala eredi; u kwindi din l-azzjoni kontra tiegħu kienet dejjem meħtieġa.*

*Dan ir-rimedju legali lanqas ma hu konvenjenti li jiġi applikat kontra min ma jirriżultax soddisfaċentament li huwa msejjaħ għall-eredità; kif lanqas ma għandu jiġi applikat kontra min, għalkemm jirriżulta li huwa msejjaħ għall-eredità, però jkun taħt l-età.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress illi b'testment publikat minn Nutar Ettore Francesco Vassallo fl-4 ta' Settembru 1934 (dok. A) Giovanni u Michelina, ġa miżżewġin Cilia, il-lum mejta, innominaw lill-kontendenti, uliedhom, bħala eredi universali tagħhom flimkien ma' żewġ ħuthom oħra, Giorgio u Emmanuele, li mietu bla tfal wara l-mewt ta' Giovanni Cilia u qabel il-mewt ta' Michelina Cilia; u illi l-konvenut għadu ma ddeċidiex jekk għandux jaċċetta din l-eredità provenjenti mill-ġenituri tiegħu u mill-imsemmija ħutu; talbu li l-konvenut jiġi kundannat jiddikjara fi żmien xahar, prorogabbli għal raġuni tajba għal xahar ieħor, jekk jaċċettax jew jirrinunzjax għall-imsemmijin wirtijiet tal-ġenituri tiegħu Giovanni u Michelina Cilia, u ta' ħutu Giorgio u Emmanuele Cilia; u in difett tad-dikjarazzjoni għandhom jitqiesu rinunzjati minnu, skond id-dispożizzjonijiet tas-sezzjoni 909 Kapitlu 23 tal-Liġijiet ta' Malta, Edizzjoni Riveduta. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni kontemplata fl-art. 909 tal-Kodiċi Ċivili, magħrufa fid-dottrina bħala "azione dichiaratoria". Hemm bżonn, għalhekk, li min jesperiha ikun aċċetta l-eredità "de qua" (Kollez. VII, 231).

Għal dan il-fini, l-attriċi Maria Stella Hili, b'nota tas-7 ta' Novembru 1955 (fol. 25), iddikjarat li qegħedha taċċetta l-ereditajiet tal-ġenituri u ta' ħutha Giorgio u Emmanuele; u din a d-dikjarazzjoni hija, fil-fehma tal-Qorti, suffiċjenti għall-fini tal-aċċettazzjoni, skond l-art. 891 tal-Kodiċi Ċivili. Iżda l-attur Giuseppe Cilia ma weriex jekk aċċettax l-ereditajiet in kwistjoni; u għalhekk hu ma jistax jesperixxi l-azzjoni odjerna;

Illi fil-meritu, u għall-kjarezza tal-espożizzjoni, hemm bżonn li d-diversi ereditajiet jitqiehdu separatament;

Illi, kwantu għall-wirt ta' Giovanni u Michelina Chetcuti, ġa miżżewġin Cilia, ġenituri tal-kontendenti, jirriżulta li Michelina Cilia mietet xi sentejn ilu; iżda Govanni Cilia ma jirriżultax meta miet; huma, kif mhux kontestat, mietu b'testment, u ħallew lit-tfal bħala eredi tagħhom, fosthom lill-konvenut. Hawn ta' min josserva illi d-difensur tal-istess konvenut, wara li nstemgħu l-provi, issottometta illi, jekk bl-inkass tal-kera ta' banju fuq il-blat f'Tower Road, tas-Sliema, ġa appartenenti lil Michelina Cilia, għandu jiftihem li l-konvenut aċċetta l-eredità tagħha, ma kienx hemm lok għall-azzjoni odjerna. Mill-provi rriżulta li l-konvenut, peress li ommu kient marida, kien idaħħal il-kera tal-banju fuq imsemmi bħala inkarikat tagħha; meta hija mietet, l-inkwilin baqa' jirrikonoxxi lill-konvenut biss, u baqa' jħallas il-kera lilu. Dana l-att, però, mhux biżżejjed biex jikkostitwixxi lill-konvenut eredi ta' ommu; hemm bżonn, kif stabbilit mill-ġurisprudenza, illi jkun hemm il-volontà u l-intenzjoni li b'dak l-att tiġi aċċettata l-eredità, u ta' dan trid issir il-prova univoka, b'mod li ma tkunx possibbli kwalunkwe interpretazzjoni oħra ta' dak l-att (v. Kollez. XXIX-I-1179; u App. Ċiv. 2.3.1951 (inedita) in re "Giorgia Zammit vs. Marchese Enrico Grispo Barbaro di San Giorgio"). Il perċezzjoni tal-kera tista tikkostitwixxi att merament konservattiv u ta' amministrazzjoni provviżorja, li ma timportax aċċettazzjoni tal-eredità, speċjalment fin-nuqqas tal-prova li dik il-perċezzjoni saret mill-konvenut bħala eredi ta' ommu (art. 893 Kod. Ċiv.). Għalhekk, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jingħad li l-konvenut ġa aċ-

ċetta l-eredità ta' Michelina Cilia; u konsegwentement l-azzjoni odjerna baqgħet dejjem meħtieġa;

Illi, rigward il-wirt ta' Giorgio Cilia, ġie pruvat illi huwa miet mingħajr tfal u ħalla superstiti lill-mara tiegħu. Ma ġiex aċċertat jekk għamelx testment jew le; u taħt dawn iċ-ċirkustanzi, peress li mhux ċar min hu msejjaħ għall-wirt tiegħu, mhux konvenjenti li jiġi applikat ir-rimedju tal-art. 909 tal-Kodiċi Ċivili, invokat mill-attriċi;

Illi, kwantu għall-wirt ta' Emmanuele Cilia, irriżulta li hu kien miżżewweġ, u meta miet ħalla superstiti lill-martu u żewġt itfal li ma jidherx li laħqu t-tmientax il-sena (v. depożiz. tal-konvenut fol. 20). Anki hawn ma ġiex aċċertat jekk id-decujus għamelx testment jew le. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti mhix tal-fehma li tapplika r-rimedju legali, molto pjù li, anki kieku ulied Emmanuele Cilia kienu parti fil-kawża, ma kienx ikun spedjenti li jiġi applikat lilhom, billi għadhom taħt l-età (Kollez. VIII, 542) — ħaġa li, del resto, lanqas tinsab mitluba fiċ-ċitazzjoni;

Illi xejn ma jiswa li l-attriċi, bin-nota tagħha fuq riferita, aċċettat il-wirt anki ta' ħutha, Emmanuele u Giorgio; għaliex dina l-aċċettazzjoni, per sè, mhix biżżejjed biex tħassar ir-realtà, jekk l-eredi, fil-fatt, huma persuni oħra;

Għal dawn il-motivi;

Tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tal-attur Giuseppe Cilia; bl-ispejjeż kontra dan ta' l-aħħar;

U tilqa' t-talbiet tal-attriċi Maria Stella Hili limitatament għall-wirt ta' Giovanni u Michelina ġa miżżewġin Cilia, u għal dan il-fini tipprefiġġi lill-konvenut iż-żmien ta' xahar mil-lum, prorogabbli għal xahar ieħor għal raġuni tajba; u tirrespinġi t-talbiet għall-kumplament, billi tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-ispejjeż, barra dawk ġa deċiżi, peress li saru fl-interess tal-attriċi, jibqgħu a kariku tal-istess attriċi.